C/2025/3175

5.6.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12012 — MADISON DEARBORN PARTNERS / SCHOELLER GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3175)

1. Fis-26 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Intelligent Packaging Sub Limited Partnership ("IPL Parent" flimkien mas-sussidjarji tagħha, "IPL", il-Kanada), ikkontrollata minn Madison Dearborn Partners, LLC ("MDP", l-Istati Uniti),

— Schoeller Packaging B.V. (il-Pajjiżi l-Baxxi), Schoeller Rental B.V. (in-Netherlands) u Schoeller Allibert GmbH (il-Ġermanja) (flimkien ix-"Schoeller Group") ikkontrollati minn fondi ġestiti u/jew mogħtija pariri minn Brookfiled Corporation u/jew l-affiljati tagħha (l-Istati Uniti).

MDP se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tax-Schoeller Group kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— MDP hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata bbażata fl-Istati Uniti li tiffoka fuq investimenti f'industriji bażiċi, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa u teknoloġija u l-gvern globalment,

— Schoeller Group huwa manifattur Ewropew tal-imballaġġ tal-plastik li jista' jiġi ritornat għall-immaniġġar tal-materjal. Schoeller Group joffri firxa ta' soluzzjonijiet standard u mfassla apposta għall-imballaġġ tal-plastik li jista' jiġi rritornat, inklużi kontenituri li jintwew, ċestuni u tilari tax-xorb, kaxxi li jinżammu fl-idejn, u palits. Il-klijenti tagħhom jinkludu dawk attivi fis-setturi tal-karozzi, tax-xorb, tal-ikel, tal-manifattura industrijali, tal-akkomunament u tal-bejgħ bl-imnut globalment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12012 — MADISON DEARBORN PARTNERS / SCHOELLER GROUP

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË